**385. L-Onor. Mario de Marco jipproponi:**

Minnufih wara l-Ordni Permanenti 33 jiġi introdott dan il-Ordni Permanenti ġdid:

*"Domandi lill-Prim Ministru.*

33A. Minkejja dak kollu li hemm provdut f'dawn l-Ordnijiet Permanenti, fis-seduta ta' nhar ta' Erbgħa, kull ġimgħa, il-ħin allokat għal domandi parlamentari jkun dedikat esklussivament għall-mistoqsijiet parlamentari lill-Prim Ministru. Dana japplika għal kull żmien ħlief meta l-Kamra tkun aġġornata.
F'każijiet fejn għal raġunijiet urġenti l-Prim Ministru ma jkunx jista' jattendi għal din is-seduta, l-i*Speaker* għandu jiffissa seduta oħra hu; b'dana però illi perjodu ta' iktar minn ġimgħa ma jiskadix bejn seduta waħda u oħra ta' domandi lill-Prim Ministru.

Ħmistax-il domanda biss jintgħażlu għall-ħin ta' domandi lill-Prim Ministru. L-għażla tad-domandi ssir mill-Iskrivan tal-Kamra wara li jikkonsulta mal-i*Speaker* u jistgħu jinkludu domandi ġenerali dwar l-impenji tal-Prim Ministru għal dik il-ġurnata.

Wara dan, l-i*Speaker* isejjaħ dawk id-deputati li jixtiequ jagħmlu domanda lill-Prim Ministru, sakemm jispiċċa l-ħin tal-mistoqsijiet.

Sakemm ma jmorrux kontra dan l-Ordni Permanenti, l-Ordnijiet l-oħra kollha li jirregolaw id-domandi parlamentari japplikaw għal domandi lill-Prim Ministru.".

Immediately after Standing Order 33 there shall be introduced the following new Standing Order:

*"Questions to the Prime Minister.*

**33A.** Notwithstanding anything contained in these Standing Orders, on the sitting of Wednesday of every week, the time allotted for parliamentary questions shall be exclusively dedicated to parliamentary questions to the Prime Minister. This applies at all times except when the House stands adjourned.

In cases where for urgent reasons the Prime Minister cannot be present for such sitting, the Speaker shall fix another sitting for such purpose, so however that a period of not more than one week does not elapse between one sitting for questions to the Prime Minister and another.

Only fifteen questions submitted to the Prime Minister for an oral answer shall be put on the agenda for such sitting. Such selection shall be the responsibility of the Clerk of the House after consulting the Speaker, and such questions may include simply an 'Engagements' question asking the Prime Minister about his engagements for the day.

After that the Speaker shall call on members who wish to ask a question to the Prime Minister to do so until the time for questions elapses.

Unless contrary to this Standing Order, all other Standing Orders which regulate parliamentary questions shall also apply to questions to the Prime Minister.”.

25.07.16

**Il-mozzjoni m’għaddietx fis-Seduta 422 tal-Erbgħa 25.07.2016.**